**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta Nru 84 tal-1 ta' Frar 2023 dwar meta xhud imsejjaħ quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi jista' jagħżel li ma jirrispondix għal domandi**

Fis-Seduta 83 tal-31 ta' Jannar 2023, wara l-ħin tal-mistoqsijiet, l-Onor. Darren Carabott, Chairperson tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, qajjem dan il-punt:

> "**ONOR. DARREN CARABOTT:** Sur President, se nagħmel referenza għal dak li seħħ illum fil-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Illum, fis-2 pm iltaqa' l-Kumitat, u l-Kumitat sejjaħ sabiex jixhed lis-Sur Karl Cini. Il-Kumitat ġie infurmat mill-avukat difensur tal-istess Karl Cini li ma kienx se jirrispondi għad-domandi li qed isiru mill-kumitat, u se jeżerċità d-dritt tas-silenzju.
>
> Sur President, jien se nitlob il-provvediment tiegħek fir-rigward ta' f'liema istanza xhieda quddiem il-Kumitat tal-Parlament tal-Kontijiet Pubbliċi, jista' jagħżel li ma jirrispondix u ma jagħtix ix-xhieda tiegħu. Grazzi."

Is-Sedja qrat it-traskrizzjoni kollha tal-laqgħa Nru 20 tal-31 ta' Jannar 2023 tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

Is-Sedja tirrileva li l-kwestjoni li qed tiġi mqajma kienet ġiet indirizzata f'ċertu dettal fir-ruling li kienet tat fis-Seduta 449 tad-19 ta' April 2021 appuntu dwar meta xhud jagħżel li ma jweġibx id-domandi li jkunu qed isirulu mill-Membri tal-Kumitat.

Is-Sedja tagħmel referenza għal dan ir-ruling u b'mod partikolari tikkwota l-partijiet saljenti:

> "Is-Sedja tirrileva li b'segwitu ta' dan ir-ruling ċitat, kien hemm 14-il sentenza tal-qrati Maltin li fihom jiġu rilevati diversi punti interessanti, fosthom l-interpretazzjoni u l-applikabbiltà tal-linja gwida 16 u l-linja gwida 19 tal-2011 ċitati aktar kmieni. Minn dawn l-14-il sentenza, inkluż fi stadju ta' appell, is-Sedja se tagħmel referenza mill-ewwel għal tliet sentenzi tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):
>
> - Rikors 68 tal-2014, Francis Portelli u Anthony Cassar vs l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati u ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, deċiż fis-26 ta' Mejju 2016;
>
> - Rikors 13 tal-2014, Frank Sammut kontra l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati u ċ-Chairperson tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubblici, deċiż fis-26 ta' Mejju 2016; u
>
> - Rikors 29 tal-2014, Tancred Tabone kontra l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati u ċ-Chairperson tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi - u dan ukoll f'dak li jikkonċerna żamma ta' laqgħat fil-miftuħ u x-xandir tagħhom permezz tal-*video* u l-*audio* - deċiż fit-13 ta' Lulju 2020.
>
> Il-punt kardinali ta' dawn ir-rikorsi u sentenzi kien dwar l-applikabbiltà ta' dawn il-linji gwida fil-konfront ta' xhieda akkużati b'reati kriminali fuq

l-istess materja illi tkun qiegħda tiġi trattata mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Hawn is-Sedja tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fil-konfront ta' Frank Sammut (Rikors 13 tal-2014), fejn fis-26 ta' Jannar 2018 il-Qorti tal-Appell kienet qalet illli:

> "35. Fl-ewwel lok din il-Qorti tinnota li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni min-naħa tar-rikorrent appellat dwar in-natura tal-proċeduri quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Huma ma kkontestawx il-fatt li l-proċeduri msemmijin mhumiex intiżi sabiex issir xi determinazzjoni dwar xi dritt jew obbligu ċivili jew dwar imputazzjoni kriminali iżda huma proċeduri essenzjalment amministrattivi ta' natura investigattiva sabiex jiġu stabbiliti l-fatti anke jekk il-fatti stabbiliti jistgħu jagħtu lok eventwalment għal xi azzjoni minn awtoritajiet oħra. F'dawn iċ-ċirkostanzi il-Qorti fi Strażburgu rriteniet li jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq fil-każ ta' informazzjoni ottenuta b'setgħat obbligatorji jkun jiddependi mill-użu li jsir minn dik l-informazzjoni fil-proċess.
>
> 36. Di fatti r-rikorrenti appellati ma jsostnux li l-proċeduri quddiem il-Kumitat Permanenti jinkwadraw bħala proċeduri fid-determinazzjoni ta' dritt jew obbligu ċivili jew ta' imputazzjoni kriminali iżda jippretendu li għandhom id-dritt għas-silenzju u li ma jinkriminawx ruħhom unikament minħabba l-fatt li huma ġew akkużati fi proċeduri oħrajn quddiem qorti kriminali bir-reati hawn fuq imsemmijin. Ġaladarba ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni, din il-Qorti mhijiex ser tindaga *oltre* dwar in-natura tal-proċeduri quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi.
>
> 37. B'danakollu il-linja gwida 19 tipprovdi li "*No witness is to be compelled to answer a question which might incriminate him/her*" u għalhekk il-Linji Gwida nfushom, hi x'inhi n-natura tal-proċeduri quddiem il-Kumitat Permanenti, jagħtu lil kull x-xhud id-dritt li ma jiġix kostrett jinkrimina lilu nnifsu.".

Is-Sedja tinnota wkoll li f'din is-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali fl-appell għamlitha ċara illi l-proċedura stabbilita quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi hija proċedura ta' natura investigattiva u għaldaqstant tinnota li:

> "39. Ġia ġie stabbilit li proċeduri ta' natura investigattiva sabiex jiġu stabbliti l-fatti bħal dawk quddiem il-Kumitat Permanenti ma jinkwadrawx fi proċeduri għad-determiazzjoni ta' dritt jew obbligu ċivili jew ta' imputazzjoni kriminali. Il-Qorti fi Strażburgu, iżda, irriteniet li d-dritt kontra l-awtoinkriminazzjoni u d-dritt għas-silenzju li jinsiltu mid-dritt għal smigħ xieraq huma xorta waħda invokabbli mill-individwu fi proċeduri bħal dawn fejn kontestwalment mal-proċeduri msemmija jkunu qegħdin jittieħdu kontra tiegħu proċeduri tax-xorta li jaqgħu fil-parametri tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.".

Hawn allura l-Qorti kienet għamlet referenza u nkompli nikkwota:

> "40. Hekk fil-każ Shannon v. United Kingdom [sentenza tal-2005] fejn l-applikant kien ġie msejjaħ biex jiġi intervistat minn investigaturi finanzjarji kien ġia ġie imputat mill-pulizija b'reati ta' *false accounting* u *conspiracy to defraud* il-Qorti rriteniet li:
>
> > "41. .... *the requirement for the applicant to attend an interview with financial investigators and to be compelled to answer questions in connection with events in respect of which he had already been charged with offences was not compatible with his right not to incriminate himself. There has therefore been a violation of Article 6 § 1 of the Convention.*".

Il-Qorti kompliet tiddelibera u nikkwota:

> "41. Għaldaqstant, fil-proċeduri pendenti quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, ir-rikorrenti għandhom id-drittijiet li ma jiġux kostretti jinkriminaw lilhom infushom **u** d-dritt tas-silenzju liema drittijiet, kif rajna, jiskaturixxu mid-dritt għal smigħ xieraq u dan *in vista* tal-fatt li kontestwalment mal-proċeduri quddiem il-Kumitat Permanenti hemm ukoll proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti dwar fatti li jidher huma jew jistgħu jkunu relevanti għall-indaġni li qiegħed jagħmel istess Kumitat."

Fis-sentenza li qed tikkwota s-Sedja jingħad b'mod ċar li kemm-il darba xhud ikun ukoll akkużat b'reat kriminali fuq l-istess materja li tkun qed tiġi trattata mill-Kumitati Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, huwa mhux biss għandu d-dritt li ma jweġibx għal domandi li jistgħu jinkriminawh, imma għandu dritt għas-silenzju totali. Infatti l-Qorti f'din is-sentenza kienet żiedet tgħid hekk:

> "44. Dan ifisser li x-xhud għandu d-dritt li ma jiġix kostrett li jinkrimina ruħu iżda persuna imputata b'reat kriminali ma għandhiex biss id-dritt li ma tiġix kostretta li twieġeb domandi li jistgħu jinkriminawha iżda għandha addirittura d-dritt għas-silenzju u ċjoè li tibqa' siekta tant li "*The right not to incriminate oneself is primarily concerned with respecting the will of an accused person to remain silent and presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused*". Għalhekk id-dritt ewlieni li għandha persuna akkużata hu li tibqa' siekta u d-dritt li ma tweġibx domandi li jistgħu jinkriminawha huwa intiż biex jassigura li d-dritt tal-akkużat għas-silenzju jiġi mħares.".

F'din is-sentenza s-Sedja nnotat ukoll li f'dak li għandu x'jaqsam mal-linji gwida, ġa ċitati, f'dan ir-*ruling* tal-2011 applikabbli għall-Kumitati Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, jipprovdu li fil-prinċipju l-persuna msejħa biex tixhed quddiem il-Kumitati Permanenti hija obbligata li tixhed u għalhekk li ma tibqax siekta, u l-unika eċċezzjoni li tipprevedi hi li dik il-persuna ma tiġix kostretta twieġeb għad-domandi li jistgħu jinkriminawha. Dan ifisser li l-linji gwida inkwestjoni, meta persuna hija diġà akkużata, ma jurux li qed jipproteġu d-dritt tas-silenzju tal-persuna imputata b'reat kriminali.

Għalhekk, is-sentenza msemmija, li hija ripetuta f'diversi sentenzi oħra, inkluż dik ta' Tancred Tabone u anke ta' Francis Portelli, fejn il-*guidelines* li jimxi fuqhom il-Kumitati Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi jibqgħu kif inhuma ħlief meta l-persuna li tkun qed tissejjaħ bħala xhud tkun diġà akkużata b'reati kriminali li ovvjament ikunu suġġett ta' dak li jkun qiegħed jiġi diskuss mill-istess Kumitat.

Is-Sedja ħasset ukoll il-ħtieġa li tara s-sentenza deċiża fit-13 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet Tancred Tabone kontra l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati u ċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, Rikors 29 tal-2014, fejn hemmhekk ukoll ġie kontestat li waqt li xhud ikun quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, u l-fatt li tkun qed issir it-trasmissjoni tal-istess Kumitat bħalma jsir fil-Kumitati kollha tal-Parlament sakemm ma jkunx hemm il-qbil bejn il-Membri illi l-Kumitat jiltaqa' b'mod privat u ma jkunx hemm ix-xandir tiegħu fuq il-mezzi tax-xandir bħalma jsir fuq it-televiżjoni u fuq l-internet eċċ., il-Qorti kienet iddeċidiet u qalet li:

> "Il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent minħabba l-fatt *per se* li s-seduti tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi jistgħu jiġu segwiti mill-pubbliku "*live*" b"mod awdjoviżiv minn fuq l-internet. Anke l-proċeduri ġudizzjarji, bi protezzjoni stess tal-akkużat, jinżammu miftuħa għall-pubbliku salvi każijiet eċċezzjonali. Il-leżjoni seħħet għaliex uffiċjal pubbliku ddikkjara pubblikament li huwa ma kellux dubju mill-ħtija tar-rikorrent meta l-proċeduri kriminali fil-konfront tal-istess rikorrent għadhom pendenti.".

Għaldaqstant il-Qorti hawnhekk tat raġun lis-Sedja, f'dan il-każ kien appell mis-Sedja, meta sabet il-fatt illi l-Kumitat kellu u għandu jkompli jittrasmetti *live* l-laqgħat tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi waqt li jkun qed jisma' x-xhud jew xhieda quddiemu."

"... is-Sedja ħasset il-ħtieġa li tagħmel ukoll referenza għas-sentenza mogħtija fit-2 ta' Mejju 2018 fl-ismijiet Tancred Tabone vs l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati u ċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, Rikors 29 tal-2014. Fil-parti ta' din is-sentenza fejn jingħad hekk:

"Il-Qorti Kostituzzjonali, li kkonfermat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta għal dak li għandu x'jaqsam mal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq, qalet proprju hekk fl-imsemmija kawżi ta' Frank Sammut u Francis Portelli et:

"... Fid-dawl tal-prinċipji premessi din il-Qorti hi msejħa tiddeċiedi fl-ewwel lok jekk il-Linji Gwida intestati *Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives* humiex leżivi tad-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq.

Il-linja gwida 19 tal-isemmi Gwida kjarament u **mingħajr kwalifiki** jipprovdi li:

"*No witness is to be compelled to answer a question which might incriminate him/her.*"

**Dan ifisser li x-xhud għandu d-dritt li ma jiġix kostrett li jinkrimina ruħu iżda persuna imputata b'reat kriminali ma għandhiex biss id-dritt li ma tiġix kostretta li twieġeb domandi li jistgħu jinkriminawha iżda għandha addirittura d-dritt għas-silenzju** u ċjoè li tibqa' siekta tant li "*The right not to incriminate oneself is primarily concerned with respecting the will of an accused person to remain silent and presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused*". Għalhekk id-dritt ewlieni li għandha persuna akkużata hu li tibqa' siekta u d-dritt li ma tweġibx domandi li jistgħu jinkriminawha huwa intiż biex jassigura li d-dritt tal-akkużat għas-silenzju jiġi mħares.

Fiċ-ċirkostanzi s-Sedja tara illi *in vista* ta' dawn is-sentenzi li għamlet referenza għalihom kif ukoll sentenzi oħra li ma ħassitx li għandha tidħol fihom, li huma kollha fuq l-istess prinċipju u kollha marbuta mal-applikazzjoni *piu ò meno* tal-linji gwida 16 u 19, il-protezzjoni li għandha persuna li tissejjaħ bħala xhud li mhux talli ma tweġibx id-domandi imma li tibqa' kompletament siekta, hija biss applikabbli meta l-persuna tkun akkużata b'reati kriminali in konnessjoni mal-istess suġġett illi jkun qiegħed jiġi diskuss."

Dakinhar is-Sedja, wara li kienet irreferiet għal numru ta' deċiżjonijiet tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), kienet innotat li fit-trattament tagħha l-Qorti rat u ssottolineat id-distinzjoni ċara bejn xhud li jkun qiegħed imputat b'reat kriminali li għandu d-dritt għas-silenzju u xhud li ma jkunx hekk imputat li għandu wkoll dritt mingħajr kwalifiki li ma jiġix kostrett iwieġeb domandi li jistgħu jinkriminawh. F'dan il-kuntest is-Sedja kienet iddeċidiet hekk:

"Ladarba l-linja gwida 16 hija soġġetta għal linja gwida 19 li kif ingħad qabel, anke in linea mas-sentenzi li ngħataw fir-rigward, tagħti d-dritt lix-xhud li jirrifjuta **mingħajr**

**kwalifiki** li jwieġeb għal domandi li jaħseb li jistgħu jinkriminawh, is-Sedja ma tistax tiġi mitluba tiddelibera dwar jekk mistoqsija għandhiex tiġi mwieġba jew le. Ir-rimedju għal din is-sitwazzjoni jinsab fl-istess linji gwida 16 fejn jingħad li – dejjem suġġett għal linja gwida 19 – xhud li jirrifjuta li jwieġeb mistoqsijiet magħmula lilu jista' jiġi rrapputat lill-Kamra.

Għaldaqstant is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li kull xhud li jiġi msejjaħ jidher quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li ma jkollu l-ebda akkużi fil-konfront tiegħu in konnessjoni mal-materja li tkun qed tiġi trattata mill-istess Kumitat, għandu jitla' quddiem il-Kumitat biex jirrispondi għad-domandi li jsirulu iżda ma jistax jiġi kostrett jirrispondi dawk id-domandi li skont ix-xhud jew l-avukat tiegħu jistgħu jinkriminawh. Dan kif stabbilit bil-linji gwida tal-2011 fid-dawl tas-sentenzi fuq ċitati."

Dan ifisser li bi tweġiba għall-punt imqajjem miċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi dwar f'liema istanzi xhud jista' jagħżel li ma jirrispondix, is-Sedja qiegħda ittenni li xhud jista' ma jweġibx meta jkun imputat b'reat kriminali relatat għall-materja li tkun qed tiġi diskussa, f'liema każ jinvoka d-dritt tas-silenzju, jew meta bit-tweġiba li jagħti jkun se jinkrimina lilu nnifsu. Is-Sedja tirrileva li meta xhud jagħżel li jinvoka d-dritt tas-silenzju, il-Kumitat għandu jitlob lill-istess xhud jew lill-avukat li jkun qed jassistih jew jassistiha, biex jipprovdi dettalji dwar il-proċeduri kriminali li jkun hemm pendenti quddiem il-Qorti fil-konfront tax-xhud li huma relatati mal-materja li qed tiġi trattata mill-Kumitat. Fil-mankanza ta' dan, ix-xhud jibqagħlu dejjem id-dritt li jagħżel li ma jweġibx domandi li jistgħu jinkriminawh, u dan kif ukoll stabbilit mill-Qrati u mil-linji gwida dwar ix-xhieda quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi.